MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF VICTOR J. CARUANA COLOMBO

Seduta tal-25 ta' April, 2000

**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**President: L-Imhallef Victor Caruana Colombo LL.D.**

**Citazzjoni: 1257/99**

Spettur Paul Bond

kontra

Kummissarju tal-Pulizija
u l-Onorevoli Prim
Ministru

It-Tribunal

Ra c-citazzjoni li tghid hekk:

Peress li l-attur ipprezenta rikors fit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, rikors Numru 20/96 fl-ismijiet **Spettur tal-Pulizija Paul Bond vs Kummissarju tal-Pulizija u l-Onorevoli Prim Ministru,** liema rikors gie deciz fil-15 ta' Marzu 1999.

Peress illi inter alia l-parte decide tas-sentenza, fuq liema kap tas-sentenza l-esponenti ghandu s-segwenti aggravji, taghti hafna piz fuq ittra tal-ex-Kummissarju Alfred Calleja, u inoltre taghti hafna piz ukoll ghall-allegati convictions li kellu l-attur quddiem il-Public Service Commission b'tali mod li l-istess Tribunal ibbaza l-konkluzzjonijiet tieghu fuq l-allegati provi.
Peress li dawn l-osservazzjonijiet kollha huma effett ta' zball li jidher mill-atti

jew dokumenti tal-kawza u dan ai fini ta' l-artikolu 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet
ta' Malta.
Peress illi in effett ghandu jinghad li l-ittra tal-ex-Kummissarju Alfred Calleja ma jista jkollha l-ebda valur probatorju ghax mhux biss qatt ma giet konfermata mill-imsemmi Alfred Calleja, anzi dan meta xehed ikkontradixxa l-kontenut tal-istess ittra.

Peress illi inoltre l-attur ma kellu ebda pluralita' ta' convictions quddiem il-Public Service Commission inkluzi u senjatament il-kaz meta qed jigi allegat li ma kienx prezenti waqt l-access tal-inkjesta magisterjali.

Peress illi dan l-incident se mai u in pessima ipotesi jirrisali ghall-1991 meta l-ingustizzji li minnhom jilmenta l-attur jirrisalu ghal data ferm qabel.

Peress illi b'hekk jimmanifesta ruhu l-izball.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Tribunal:

1) ihassar, jirrevoka u jikkancella s-sentenza tal-15 ta' Marzu 1999

tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji fl-ismijiet fuq premessi u jordna li kaz jerga jinstema’ mill-gdid.

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-Konvenuti li tghid hekk:

Jeccepixxu bir-rispett:

1. Illi preliminarjament il-Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f’din il-kawza.
2. Illi subordinatament it-talbiet kollha ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ma hemm l-ebda lok li l-kaz jerga jigi trattat.
3. Dana stante li l-konvinciment morali li wassal it-Tribunal biex jiddeciedi li ma kienitx sehhet ingustizzja fit-termini ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 qatt ma gie msejjez fuq il-kontenut ta’ l-ittra ta’ Alfred Calleja. Anzi t-Tribunal ma tantx ta’ affidabilita’ lil dak ix-xhud u sejhet ix-xhieda tieghu bhala **U-Turn**.
Din l-ittra qatt ma incidiet fuq id-decizjoni tat-Tribunal li wasal ghal konkluzzjonijiet tieghu fuq xhieda ohra, senjatament x’qal il-Kummissarju George Grech u subordinati tieghu.
Illi l-procedura ta’ ritrattazzjoni mhix appell u t-Tribunal ma jistax jigi mistieden jerga' jifforma opinjoni ohra abbazi ta’ l-istess provi.

4. B’hekk stante li l-istess Tribunal ma tax piz lill-ittra ta’ Alfred Calleja minhabba l-kontradizzjonijiet li qal **viva voce** jonqos l-element necessarju biex issir ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(l) tal-Kap 12. In succint ma kien hemm l-ebda zball fuq dan id-dokument.

Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Ra l-atti l-ohrajn, komprizi dawk tar-Rikors numru 20/97 fl-istess ismijiet premessi deciz minn dan it-Tribunal fil-15 ta’ Marzu 1999, zamm seduta wahda fil-11 ta’ April 2000 li fiha sama’ s-sottomissjonijiet ta’ l-Avukati u jikkonsidra illi:

## Citazzjoni u Risposta

1. Qabel xejn ma jistax jonqos li tigi osservata l-inkongruwenza tal-procedura prezenti. Di fatti l-Ispettur Bond inizja l-process odjern bil-prezentata ta’ l-att tac-citazzjoni. Il-konvenuti wiegbu billi

pprezentaw l-att tar-risposta, u precizament hawn qieghda l-inkongruwenza, ghaliex il-konvenuti ghandhom iwiegbu ghac-citazzjoni b'nota ta' l-eccezzjonijiet u mhux b'risposta (artikoli 156,158 Kap 12).

2. Biss, l-ewwel nett ebda wahda mill-partijiet ma ghamlet xi oggezzjoni fir-rigward. It-tieni, ebda wahda mill-partijiet ma tidher li giet, jew li tista' tigi, pregudikata bil-procedura kif adottata. It-tielet, kemm ic-citazzjoni kif ukoll ir-risposta jikkontjenu sostanzjalment dak kollu li tirrikjedi l-ligi (artikolu 7(2) u (4) Att VIII. 1997). Ghalhekk f'dan il-kaz m'hemmx lok li tigi ndagata l-validita' jew le tal-proceduri.

**Eccezzjoni Preliminari**

3. Il-konvenuti qeghdin jeccepixxu preliminarjament li l-Onorevoli Prim Ministru mhux legittimu kontradittur f'din il-kawza. Kwantu ghal din l-eccezzjoni, l-attur bic-citazzjoni qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tar-rikors fuq imsemmi, numru 20/97, deciz minn dan it-Tribunal fil-15 ta' Marzu 1999. F'dik id-decizjoni t-Tribunal laqa' eccezzjoni identika ghall-prezenti billi rritjena li l-Prim Ministru ma kienx legittimu kontradittur f'dak ir-rikors, u dan in vista ta' l-artikolu 181B (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet, li jiddisponi li l-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni, li fil-kaz odjern huwa l-Kummissarju tal-Pulizija. Ghall-istess motiv it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni prezenti tal-konvenuti.

**Meritu tat-talba**

4. L-attur qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni tar-rikors fuq imsemmi, numru 20/97, fuq il-motiv li d-decizjoni tieghu minn dan it-Tribunal kienet effett ta' zball li jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza, kif kontemplat fl-artikolu 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet. Dan l-izball skond l-attur kien duplici: l-ewwel nett ghaliex id-decizjoni in kwistjoni "taghti hafna piz fuq ittra ta' l-ex Kummissarju Alfred Calleja"; it-tieni ghaliex l-istess decizjoni "taghti hafna piz ukoll ghall-allegati convictions li kellu l-attur quddiem il-Public Service Commission".

**L-Ittra**

5. Kwantu ghall-ittra msemmija ta' l-ex Kummissarju tal-Pulizija Alfred Calleja, l-attur isostni li din "ma jista' jkollha l-ebda valur probatorju ghax mhux biss qatt ma giet konfermata mill-imsemmi Alfred Calleja, anzi dan meta xehed ikkontradixxa l-kontenut ta' l-istess ittra".

6. L-ittra in kwistjoni kienet tas-16 ta' Awissu 1988 li fiha Alfred Calleja ghamel lill-Public Service Commission rakkomandazzjonijiet dwar promozzjonijiet fil-Korp tal-Pulizija. Din l-ittra giet esibita mill-Kummissarju tal-Pulizija George Grech fix-xhieda tieghu tat-12 ta' Jannar 1998 (fol 45 tal-process).

7. Fir-rigward ta' l-istess ittra Alfred Calleja xehed hekk: "Qed nigi muri l-ittra li ntbaghtet lill-PSC tas-16 ta' Awwissu 1988 u ghalkemm is-sustantza tar-rakkomandazzjonijiet li hemm f'din l-ittra naqbel maghha izda ma gietx ifformulata minni". (fol 366). Jigifieri Alfred Calleja, fid-deposizzjoni tieghu, ikkonferma li l-ittra giet mibghuta lill-Public Service Commission u li hu kien jaqbel sostanzjalment mal-kontenut taghha. In segwitu pero', fix-xhieda tieghu Alfred Calleja kkontradica partijiet ta' dak il-kontenut li kienu jirrigwardaw lill-attur Spettur Bond. Di fatti fid-decizjoni *de qua* dan it-Tribunal ighid li f'din l-ittra Alfred Calleja kiteb li "Inspector Bond is unreliable, has limited knowledge of Police Work, cannot exert his authority and is lacking in personality……" It-Tribunal ikompli li Alfred Calleja fix-xhieda tieghu raga bdielu dwar il-kummenti li kien ghamel fir-rigward tar-rikorrent (l-attur odjern) li kellu "limited knowledge of police work" u li "he cannot exert his authority." It-Tribunal jispicca biex jikkummenta: "Anke dwar l-ittra li kiteb u ffirma (Alfred Calleja) ma deherx konvint." (fol 397).

8. Ghalhekk kuntrarjament ghal dak li jghid l-attur, l-ittra giet fil-fatt konfermata minn Alfred Calleja fix-xhieda tieghu, u hija ghalhekk ammissibbli bhala prova skond il-ligi. Effettivament serviet biex it-Tribunal, fid-decizjoni precedenti, ma tax affidament lix-xhieda ta' Alfred Calleja, u ghazel li joqghod fuq il-kontenut ta' l-ittra pjuttost milli fuq dak li xehed Calleja. Tant li f'dik id-decizjoni jinghad: "……Alfred Calleja fl-ittri waddab hafna piz kontra r-rikorrent ghalkemm fix-xhieda tieghu ghamel u-turn u qal l-oppost b'mod li rrenda x-xhieda tieghu li ma tistax taghtiha l-piz li wiehed jixtieq." (fol 398). Din il-ghazla hija insindikabbli fil-prezenti process ghar-ritrattazzjoni. Ghalhekk mhuwiex sostenibbli l-motiv rigwardanti l-ittra ta' Alfred Calleja, fuq liema motiv l-attur qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni.

**Convictions**

9. L-attur jallega fit-tieni lok li l-ewwel decizjoni tat-Tribunal hija l-effett ta' zball billi "taghti hafna piz ukoll ghall-allegati convictions li kellu l-attur quddiem il-Public Service Commission" mentri li "l-attur ma kellu ebda pluralita' ta' convictions quddiem il-Public Service Commission, inkluzi (sic) u senjatament il-kaz meta qed jigi allegat li ma kienx prezenti waqt l-access ta' l-inkjesta magisterjali".

10. Fid-decizjoni precedenti t-Tribunal jghid hekk: "Il-problema li ghandu dan it-Tribunal hu li dwar ir-rikorrent ma xehdux nies li semmew li hu kien haqqu jilhaq suprintendent. Veru li hemm diversi kummenti posittivi pero' hemm ukoll kummenti negattivi. George Grech ghamilha cara li ghalih ir-rikorrent mhux ta' l-elevatura ta' suprintendent; Alfred Calleja fl-ittri waddab hafna piz kontra r-rikorrent ghalkemm fix-xhieda tieghu ghamel u-turn u qal l-oppost b'mod li rrenda x-xhieda tieghu li ma tistax taghtiha l-piz li wiehed jixtieq. L-A.K. Borg semma li ghalkemm jaghmel xoghlu, promozzjoni ghal suprintendent trid tasal ghaliha wara li tara l-possibilitajiet kollha. Hawn ma sarx interview jew ezami u inghataw marki li mhux suppost. Ghalkemm ir-rikorrent ghandu diversi kwalitajiet posittivi, xorta wahda ghandu wkoll convictions quddiem il-PSC inkluz il-kaz ta' meta ma kienx prezenti waqt l-access ta' l-inkjesta magisterjali. Veru li wera l-hafna xoghol li ghamel, izda hu ma wasalx ghal dak il-grad ta' prova li jikkonvinci lit-Tribunal li l-ilment hu gustifikat anke meta tqis il-fatturi kollha. Ghalhekk jichad l-ilment dwar promozzjonijiet." (fol. 398)

11. Mill-premess jidher car li t-Tribunal, biex wasal ghall-ewwel decizjoni, ha in konsiderazzjoni wkoll l-allegati convictions ta' l-attur quddiem il-Public Service Commission. Biss, kif gie kostantement ritenut "….l'errore di fatto perche' possa aprire l'adito alla ritrattazione …. Deve essere un errore materiale…..e non relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto e' stato appreso dal giudicante, perche' l'apprezzamento e l'interpretazzione del fatto costituiscono l'insindacabile convincimento del giudice. L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di causalita' colla decisione……" (Vol XXVII.I.433.)

12. Issa jekk il-konsiderazzjoni mit-Tribunal tal-convictions kienet, kif isostni l-attur, erronea, dan certament ma kienx zball materjali tali li jiggustifika r-ritrattazzjoni tal-kaz. Ma kienux dawn il-convictions, almenu wahedhom, li wasslu lit-Tribunal ghad-decizjoni tieghu. Kjarament il-konsiderazzjonijiet principali li fuqhom hija bazati dik id-decizjoni huma "li dwar ir-rikorrent ma

xehdux nies li semmew li hu kien haqqu jilhaq suprintendent," li "George Grech ghamilha cara li ghalih ir-rikorrent mhux ta' l-elevatura ta' suprintendent," u li "l-A.K. Borg semma li ghalkemm jaghmel xoghlu, promozzjoni ghal suprintendent trid tasal ghaliha wara li tara l-possibilitajiet kollha." (fol 397, 398.) Dan jidher car mill-bran tad-decizjoni precedenti citat fil-paragrafu 10 tal-prezenti decizjoni.

13. Dik id-decizjoni precedenti ovvjament ma kienet l-effett la ta' l-ittra in kwistjoni u l-anqas tal-konsiderazzjoni, sia pure zbaljata, ta' pluralita' ta' convictions.

Ghall-motivi premessi, wara li jillibera lill-intimat Onorevoli Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju, jichad it-talba ghar-revoka tad-decizjoni tal-15 ta' Marzu 1999, u ghar-ritrattazzjoni tal-kaz.

L-ispejjez jithallsu kollha mill-attur.

President Dep. Registratur

--------------------------------TMIEM--------------------------------